# GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN, 12 TA' MARZU, 2001

*Avviz. Nru 1455/00 AJD*

Pierre Vella Petroni ezercenti l-kummerc bhala 'Pimpernel'

vs

Lucia Maria Fenech

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Settembru, 2000, fejn l-attur wara li premetta li:
L-attur kien biegh u kkonsenja lill-attrici li xtrat u accettat minghandu, merkanzija li hi naqset li thallas fuqha l-bilanc ta' sittin lira Maltin (Lm60.00);
Ghalkemm iNterpellata permezz ta' l-ittra interpellatorja tal-14 ta' Awissu, 2000, il-konvenuta naqset li taghmel il-hlas rikjest.

talab lit-Tribunal:
1. Jiddikjara li l-konvenuta hija debitrici tieghu fis-somma ta' sittin lira Maltin (Lm60.00) dovuta lilu bhala bilanc fuq merkanzija lilha mibjugha u kkonsenjata;
2. Tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas dan l-ammont ta' sittin lira Maltin (Lm60.00), bl-interessi legali u bl-isejjez ta' din il-procedura, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja ta' l-14 ta' Awissu, 2000, kontriha li qed tigi ngunta minn issa sabiex tidher ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenuta debitament notifikata ai termini tal-Artikolu 187 (3) tal-Kap. 12 tal-Ligijietta' Malta, baqghet ma deheritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Anna Barbara in rappresentanza tal-attur li kkonfermat bil-gurament li l-ammont ghadu dovut lill-attur.  Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' sittin lira Maltin (Lm60.00).

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR